**19 ta' Frar, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Lino Debono

*versus*

Maġistrat Dottor *Michael Mallia*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Maġistrat – ġudikant – Responsabbilità – Immunità – Privileġġ – Leġittimu Kontradittur**

*Ir-rikorrent ippreżentat kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti tal-Maġistrati billi allega li dan ivvjolalu d-drittijiet fundamentali tiegħu għas-smigħ xieraq meta fid-deċiżjoni ta' kawża f'liema huwa ma kienx parti ddikjara li hu rrenda ruħu ħati ta' reat. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li Maġistrat ma kienx azzjonabbli għal dak li għamel fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu u għalhekk illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Proċess għar-rimedju kostituzzjonali minħabba isolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistax jitmexxa mingħajr l-presenza ta' leġittimu kontradittur fil-kawża. Fl-assenza ta' tali kontradittur l-intimat għandu jiġi liberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju u l-proċess jieqaf hemm.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' l-Onorevoli Lino Debono preżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih huwa ppremetta:

1. Illi b'sentenza mogħtija fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, fil-kawża "Il-Pulizija vs. George Xuereb", fis-17 ta' Novembru, 1988, il-Maġistrat Dottor Michael Mallia, f'paġna 5, fl-aħħar paragrafu qal: "Il-qorti, kif presjeduta, tagħmel tagħha dik il-parti tas-sentenza ta' l-20 ta' Ġunju, 1986 li ċjoè Debattista kien vittma ta' reat serjissimu kommess minn aktar minn għaxar persuni f'post pubbliku ċjoè l-uffiċju tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi, f'liema reat ħadu sehem tnejn persuni li huma Deputati tal-Poplu li in segwitu għamlu rapport falz lill-Pulizija". (Dok A);

2. Illi mhux minnu li fis-sentenza ċċitata ta' l-20 ta' Ġunju, 1986, li kienet dik tal-Maġistrat Dottor Dennis Montebello fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija

Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, *fil-Kawża* fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. George Debattista", il-Qorti ppronunzjat fid-dispożittiv tas-sentenza l-kliem ikkwotat mill-Maġistrat Dottor Michael Mallia. Dak il-kliem iċċitat fis-sentenza iċċitata jirreferi għall-verżjoni ta' l-imputat f'dik il-kawża, jew għall-allegazzjoni tiegħu, kif jirriżulta ċar f'paġna 5 tas-sentenza msemmija (Dok. B);

3. Illi wieħed mid-deputati tal-poplu msemmija fis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1988 tal-Maġistrat Dottor Michael Mallia huwa r-rikorrenti, u dan huwa komunement magħruf, u li r-rikorrent *qiegħed jinġieb* fi *proċeduri* ġudizzjarji oħra bħala fatt kontrih li hemm il-pronunzjament kontrih tal-Maġistrat Dottor Michael Mallia, kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors;

4. Illi r-rikorrent la qatt ma kien akkużat bir-reat imsemmi mill-Maġistrat Dottor Michael Mallia, la qatt ġie proċessat dwaru, u kwindi qatt ma kien hemm pronunzjament regolari u validu kontrih, kuntrarjament għal dak li asserixxa l-Maġistrat Dottor Michael Mallia fis-sentenza premessa;

5. Illi għaldaqstant dik il-parti ċċitata hawn fuq mis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1988 tal-Maġistrat Dottor Michael Mallia tilledi serjament id-dritt fondamentali tar-rikorrent kif *sančit* fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Talab għaldaqstant ir-rikorrent li dik il-Qorti jogħġobha tiddikjara li bis-sentenza msemmija tas-17 ta' Novembru, 1988

il-Maġistrat Dottor Michael Mallia illeda d-dritt fundamentali tar-rikorrent protett fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, bl-artikolu 39 u bil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-artikolu 6, u li tagħti r-rimedji xierqa, fosthom dak li titneħħa mill-imsemmija sentenza dik il-parti tagħha li tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha huwa ssottometta:

1. Illi mhux azzjonabbli għal dak li għamel fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu;

2. Bla preġudizzju; illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja japplikaw **biss** fil-każ ta' persuna akkużara b'reat kriminali quddiem Qorti. Dawn l-artikoli jirregolaw **biss** il-garanziji **ta' l-akkużat f'proċess kriminali.** Ir-rikorrent mhux akkużat, u għalhekk iż-żewġ dispożizzjonijiet minnu nvokati huma totalment irrilevanti;

3. Bla preġudizzju; illi dak li l-esponent kiteb fis-sentenza jirrispekkja l-ġudizzju awtonomu ta' ġudikant li permezz tiegħu l-Qorti għamlet tagħha dak li ngħad f'parti mis-sentenza preċedenti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 1989, li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u ddikjarat u ddeċidiet li ma tistax tieħu aktar konjizzjoni tar-rikors peress li skond is-sistema ġuridiku tagħna, fi proċeduri kontenzjużi,

jeħtieġ li dawn jiġu ntentati kontra leġittimu kontradittur li bil-liberazzjoni ta' l-intimat issa ma hemmx, - l-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent, u dana wara li kkunsidrat:

*Illi l-ewwel eċċezzjoni mill-intimat hija* li hu mhux azzjonabbli għal dak li għamel fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu;

Illi dwar din l-eċċezzjoni, ir-rikorrent issottometta "*inter alia*" li "*ubi rimedium ibi ius*" (sic) u ċjoè "*ubi ius ibi rimedium*"; illi l-Qorti mhix tiddeċiedi vertenza imma tagħti rimedju u huwa mħolli lill-qorti kif jiġi esegwit dak ir-rimedju. Issottometta wkoll li hu minnu li r-Rules of Court jitkellmu fuq partijiet imma hija l-Kostituzzjoni li tipprevali u mhux ir-Rules of Court u s-soluzzjoni hija ċara u toħroġ mill-Kostituzzjoni u mill-Att XIV ta' l-1987 li ma hemmx bżonn li jkun hemm leġittimu kontradittur. In konklużjoni r-rikorrent issottometta li l-Qorti għandha tkompli tisma' r-rikors u tagħti dak li hu previst u ċjoè rimedju u mqar jekk ikun hemm xi diffikultà tal-proċedura hija l-Qorti stess li għandha ssolviha;

*Illi wieħed irid iżomm distinti* l-meritu tat-talba u l-proċedura segwita u f'dan l-istadju l-Qorti mhix sejra tiddeċiedi xejn dwar il-meritu iżda biss l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat li hu mhux azzjonabbli;

Illi l-Qorti tinnota li hemm ċerta nkonsistenza fis-sottomissjoni tar-rikorrent li waqt *li jgħid li* ma hemmx *bżonn* ta' leġittimu kontradittur huwa fil-fatt għażel li jaġixxi kontra l-intimat. Il-Qorti hija konfrontata bis-sitwazzjoni li ġie mħarrek intimat li qed jeċċepixxi li hu mhux azzjonabbli. Ir-rikorrent

kien ikun iżjed konsistenti u koerenti mat-teżi tiegħu kieku-ma għażilx li jipproċedi kontra intimat;

Il-Qorti però mhix konvinta bis-sottomissjoni tar-rikorrent li l-proċedura odjerna tista' tiġi ntentata mingħajr leġittimu kontradittur u tixtieq tosserva li l-Kostituzzjoni ilha issa in vigore ħamsa u għoxrin sena u r-rikorrent ma ċċita ebda preċedent in sostenn tat-teżi minnu avanzata li r-"*Rules of Court*" huma konfliggenti mal-Kostituzzjoni, billi kif jallega hu skond il-Kostituzzjoni ma hemmx bżonn ikun hemm leġittimu kontraditur;

Illi hija wkoll daqstant mingħajr preċedenti fis-sistema ġuridiku tagħna li ġudikant jiġi mħarrek personalment għal dak li għamel fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' Maġistrat.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta trid li l-Qrati, kemm dawk Superjuri u kemm dawk Inferjuri jkunu indipendenti u bl-istess mod li tipproteġi l-indipendenza ta' l-Imħallfin hija tipproteġi l-indipendenza tal-Maġistrati, biex il-ġudikant ikun jista' jaqdi d-dmirijiet onerużi tiegħu koxjezjożament u mingħajr biża'. Għalhekk, il-Kostituzzjoni bid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 97 tipproteġi lill-Imħallfin u l-Maġistrati fil-kariga tagħhom billi tirrendi diffiċili li dawn jitneħħew mill-kariga tagħhom għax hu fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u fl-interess tas-soċjetà li l-ġudikanti jkunu indipendenti u liberi fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom. Jekk ġudikant jiġi espost għall-possibilità li jiġi azzjonat għal dak li jagħmel fl-espletament tad-doveri tiegħu huwa ma jibqax liberu u dan ikun mhux ta' detriment għalih iżda għas-soċjetà, għax ġudikant li ma jkunx liberu ma jistax jiddispensa ġustizzja, kif għandu dritt jistenna kull ċittadin

f'soċjetà libera u demokratika fejn jirrenja r-"*rule of law*" jew stat ta' dritt;

*Illi wieħed jista' jagħmel ukoll paragun f'din il-materja mal-*privileġġ akkordat lill-Onorevoli membri tal-Kamra tad-Deputati li bih mhumiex azzjonabbli għal dak li jgħidu fil-Parlament waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom. Dan mhux xi privileġġ intiż li jagħti vantaġġ personali lill-Onorevoli Deputati iżda sabiex huma jkunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom bil-libertà kollha u mingħajr biża ta' proċeduri ġudizzjarji kontra tagħhom, għax il-biża li membru jkun soġġett għall-proċeduri ġudizzjarji jista' jnaqqaslu l-libertà tiegħu. Hekk ukoll il-Qrati;

Hawnhekk, il-Qorti tħoss li għandha tiċċita b'approvazzjoni dak li kiteb fuq dan is-suġġett Lord Denning fil-ktieb tiegħu "*The Due Process to Law*" paġna 64. Huwa jgħid hekk:

"*Ever since the year 1613, if not before, it has been accepted in our law that no action is maintainable against a judge for anything said or done by him in the exercise of a jurisdiction which belongs to him. The words which he speaks are protected by an absolute privilege. The orders which he gives and the sentences which he imposes, cannot be made the subject of civil proceedings against him. No matter that the judge was under some gross error or ignorance, or was actuated by envy, hatred and malice, and all uncharitableness, he is not liable to an action. The remedy of the party aggrieved is to appeal to a Court of Appeal or to apply for habeas corpus, or a writ of error or certiorari, or take some such step to reverse his ruling. Of course, if the judge has accepted bribes or been in the least degree corrupt, or has perverted the course of justice, he can be punished*

*in the criminal courts. That apart, however, a judge is not liable to an actions for damages. The reason is not because the judge has any privilege to make mistakes or to do wrong. It is so that he should be able to do his duty with complete independence and free from fear. It was well stated by Lord Tenterden C.J. in Garnett V. Ferrand (1827) 6 B + C 611, 625: "This freedom from action and question at the suit of an individual is given by the law to the judges, not so much for their own sake as for the sake of the public, and for the advancement of justice, that being free from actions, they may be free in thought and independent in judgement, as all who are to administer justice ought to be";*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li għar-raġunijiet suesposti l-intimat il-Maġistrat Dottor Michael Mallia mhux azzjonabbli;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Onor. Lino Debono preżentat fit-12 ta' Ottubru, 1989, li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrinvija l-proċedura quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni fil-meritu u fi kwalunkwe każ tagħti r-rimedju hija stess ħalli jkollu l-ħarsien tad-dritt fundamentali tiegħu li jħares id-drittijiet fundamentali tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appellat preżentat fl-10 ta' Novembru, 1989;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell l-appellant qiegħed jissottometti li l-indipendenza tal-ġudikatura mhux in diskussjoni. Skond l-appellant dak li qed jiġi diskuss hu li fuq l-aġir tal-Qorti wieħed ma jkollux il-jeddijiet fundamentali tiegħu mittiefsa, anke minn Qorti indipendenti. Għal dawn, jissottometti l-appellant, irid ikollu wkoll rimedju;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni preżenti qiegħda tiġi eżerċitata kontra l-Maġistrat intimat personalment. Infatti fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent appellant, wara li semma l-pretensjonijiet tiegħu, spiċċa biex talab li l-Qorti tiddikjara li bis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1988, l-intimat illeda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hemm imsemmija u qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tagħti r-rimedji xierqa, fosthom li titneħħa mill-imsemmija sentenza dik il-parti li tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Kontra din l-azzjoni l-intimat issottometta fl-ewwel lok li huwa mhux azzjonabbli għal dak li għamel fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu u hija din l-eċċezzjoni, li skond il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju, 1989 li ġiet eżaminata u deċiża mill-ewwel Qorti;

Isegwi għalhekk li l-Qorti bl-appell preżenti għandha quddiemha għad-deċiżjoni tagħha unikament l-imsemmija eċċezzjoni. Il-kwistjoni li jsemmi r-rikorrent appellant li hu jrid ikollu rimedju meta d-drittijiet fundamentali tiegħu jiġu mittiefsa wkoll minn Qorti indipendenti hija kwistjoni oħra li ma taqax fl-eżami ta' l-imsemmija eċċezzjoni. Il-kwistjoni li għandha

teżamina l-Qorti skond l-imsemmija eċċezzjoni hija unikament din: setax jew le r-rikorrent appellant sabiex jottjeni rimedju għall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu jħarrek lill-ġudikant personalment ? Il-kwistjoni mhijiex kontra min jista' jaġixxi r-rikorrent appellant sabiex jottjeni rimedju għall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għalhekk is-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrent appellant f'dan ir-rigward huma għall-finijiet ta' l-appell preżenti rrilevanti. Il-Qorti f'dal-każ m'għandhiex tiddeċidi kontra min tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni preżenti iżda unikament jekk l-azzjoni preżenti setgħatx tiġi eżerċitata kontra l-intimat;

Ikkunsidrat:

Mill-paragrafu 3 tar-rikors ta' l-appell jidher li r-rikorrent appellant mhux qiegħed jikkontesta l-indipendenza tal-ġudikatura. Infatti jgħid espressament: li "dan mhux in diskussjoni". U fil-fatt din l-indipendenza, li kif inhu risaput ġiet introdotta f'Malta bir-riformi li saru fl-1814, hija rikonoxxuta mill-istess Kostituzzjoni li fl-art. 39 tesiġi li s-smigħ ta' akkuża kif ukoll is-smigħ ta' kawża dwar l-eżistenza jew estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha ssir f'Qorti li hija indipendenti u imparzjali;

Issa huwa ovvju li din l-indipendenza u din l-imparzjalità tiġi annjentata jekk ġudikant ikun huwa stess soġġett għal xi azzjoni bħala konsegwenza tax-xogħol tiegħu ta' ġudikant. Ma jistax ikun hemm indipendenza u imparzjalità f'ġudikant jekk huwa stess ikun soġġett għal proċeduri;

Din l-indipendenza tal-ġudikatura u maġistratura hija

rikjesta mill-Kostituzzjoni fl-interess ta' l-istess amministrazzjoni tal-ġustizzja għaliex ma jistax ikun hemm vera amministrazzjoni tal-ġustizzja jekk il-ġudikant ma jkunx indipendenti meta jiġi biex jiġġudika. U anke fl-interess ta' l-istess amministrazzjoni tal-ġustizzja l-Kostituzzjoni tipprovdi wkoll, bħala eċċezzjoni ta' l-imsemmija indipendenza tal-ġudikant, fl-artikolu 97 li ġudikant jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu, fuq il-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, minħabba inkapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew imġiba ħażina ppruvata;

Il-Qorti għalhekk ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti li l-intimat mhux azzjonabbli;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellant jissottmetti li l-ewwel Qorti jmissha kompliet tieħu konjizzjoni tar-rikors tiegħu għaliex mhux meħtieġ li jkun hemm kontradittur fi proċeduri bħal dawk preżenti. Il-Qorti ssibha diffiċli biex tifhem din is-sottomissjoni. Jekk ir-rikorrent appellant għażel li jipproċedi kontra intimat u jekk jiġi ritenut (kif qed jiġi ritenut) li dak l-intimat mhux azzjonabbli, kif jista' r-rikorrent appellant ibiddel in-natura tal-proċeduri li istitwixxa huwa stess billi jippretendi li l-proċeduri jitkomplew bla intimat ? Il-proċeduri kienu kontra intimat partikolari. Jekk dak l-intimat partikolari, għar-raġunijiet fuq esposti, mhux azzjonabbli, l-azzjoni, billi magħmula kontra tiegħu, għandha taqa' u ma tistax tissussisti;

Jista' jiżdied **ex abundantia** li l-Qorti ma tarax li proċeduri bħal dawk preżenti jistgħu jiġu eżerċitati mingħajr leġittimu

kontradittur. Biżżejjed jingħad li għall-finijiet tal-proċeduri preżenti l-istess Kostituzzjoni u l-istess Att XIV ta' l-1987 għażlu Qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuż u mhux Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, u biżżejjed li ssir riferenza għas-subartikolu (4) ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u għall-art. 4(4) ta' l-Att XIV ta' l-1987 li jiddisponu l-istess ħaġa, u ċjoè li **kull parti** fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, - u dana apparti mir-Regolamenti tal-Qorti (A.L. 48 u 49 tal-1964) li saru skond l-art. 46(7) (ġa l-art. 47(7)) tal-Kostituzzjoni, reżi applikabbli **b'liġi** (Art. 4(4)) għall-proċeduri taħt l-Att, li jirriferixxu mhux biss għar-rikorrent jew appellant iżda anke għall-intimat u appellat. Leġittimu kontradittur għalhekk irid ikun *hemm iżda mhux l-intimat preżenti li, kif sewwa rritjeniet* l-ewwel Qorti, mhux azzjonabbli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent appellant.